Draft

**A.L. tal-2020**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Maniġġjar tal-Iskart (Batteriji u Akkumulaturi), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 549. 54.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "rigward l-implimentazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-Direttiva 2013/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013, u d-Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’Mejju 2018"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

A.L. XX tal-2020.

"(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2020 dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart.

14A. Sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi stipulati f’dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista’ juża strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdi inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, taħt ir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart, bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew strumenti u miżuri oħra xierqa.".

Draft